V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9217 — Engie/EDPR/Repsol/Windplus)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 423/08)

1. Fis-16 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Engie S.A. ("Engie", Franza),

— EDP Renewables, SGPS, S.A. ("EDPR", il-Portugall), ikkontrollata minn EDP - Energias de Portugal S.A. ("EDP", il-Portugall),

— Repsol Nuevas Energías S.A. ("Repsol", Spanja), ikkontrollata minn Repsol S.A. (Spanja),

— Windplus S.A. ("Windplus", il-Portugall), li bħalissa hi kkontrollata minn EDPR u Repsol.

Engie, EDPR u Repsol jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Windplus.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' kuntratt ta' ġestjoni jew kwalunkwe mezzi oħrajn.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Engie hija kumpanija tal-enerġija internazzjonali attiva matul il-katina tal-valur kollha kemm hi;

— EDPR hija attiva fil-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u finalment ikun ikkontrollat minn EDP, kumpanija tal-utilitajiet attiva fil-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni u l-provvista tal-elettriċità fil-Portugall u Spanja;

— Repsol tiżviluppa negozju relatat mal-enerġija rinnovabbli u hija kkontrollata minn Repsol S.A., kumpanija tal-enerġija integrata fl-industrija taż-żejt u l-gass;

— Windplus żviluppat u qed tibni proġett ta' park eoliku fuq il-baħar biex tkun attiva fil-ġenerazzjoni u l-forniment bl-ingrossa tal-elettriċità fil-Portugall.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9217 — Engie/EDPR/Repsol/Windplus

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË